# Il-Ħadd 10.03.2019

1. Illum 10/03, **l-Ewwel Ħadd tar-Randan**:
   - Mit-8:30am sas-1:00pm, fil-pjazza ta' quddiem il-knisja parrokkjali tal-Qrendi, tistgħu tmorru tagħtu d-demm. Dawk li bi ħsiebhom imorru mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.

2. It-Tnejn 11/03:
   - Dun Karm Zammit, saċerdot mill-parroċċa tagħna li bħalissa qiegħed id-Dar tal-Kleru f'Birkirkara, jiċċelebra il-52 sena minn mindu ġie ordnat saċerdot (11/03/1967). Nawgurawlu, nifirħulu u bla dubju nkomplu nitolbu għalih.

3. Mit-Tnejn 11/03 jibda it-Tberik fil-Familji.
   Segwu il-programm fuq karta apposta li tqassmet mal-'Flimkien' ta' Marzu, kif ukoll napprezza li tgħadduli lura l-Formola mimlija annessa mal-programm fejn turu d-disponibiltà tagħkom biex tkunu *Helpers* tal-Parroċċa f'xi aspett indikat minnkom:
   Din il-ġimgħa jmiss:-
   - It-Tnejn, 11/03 PM: Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet)
     Triq Dun Karm Lia
   - It-Tlieta, 12/03 PM: Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm)
   - L-Erbgħa, 13/03 PM: Triq in-Nassaba
   - Il-Ħamis, 14/03 PM: Triq il-Kuċċard
   - Il-Ġimgħa, 15/03 PM: Triq it-Tellerit, Triq is-Summien

   ***IMPORTANTI***
   - It-Tberik din is-sena ser isir b'dan il-mod: PM - Filgħaxija: Meta indikat, u jibda fl-4:15pm.
   - Mhux il-każ li tlestu ikel jew xorb, u aktar milli d-dar u l-għamara, ta' min jara li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fi spirtu ta' ġabra adatt għall-mument ta' talb.
   - Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdumu bejn 10 minuti u kwarta l-aktar.
   - Jekk xi ħadd ikun jixtieq ikellem lill-kappillan/saċerdot aktar fit-tul, tiddejjaqx titlob appuntament ieħor, barra mill-ħin tat-tberik.
   - Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat, jikkuntattja lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
   - Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fix-xiri u installazzjoni ta' dawl ġdid minflokk ir-rifletturi li jagħtu l-isfel fil-knisja biex niffrankaw mill-konsum tal-elettriku, fil-bankun il-ġdid tal-furċini tal-istatwa ta' San Pawl, fir-restawr tal-ġilandra tal-Bambin tal-Milied, fil-manutensjoni tas-saqaf u tal-ġebel tal-lat estern tal-knisja, u fil-manutenzjoni ġenerali tal-knisja.

4. L-Erbgħa 13/03:
   - Mit-8:00pm 'il quddiem: L-Ewwel laqgħa tal-**Eżerċizzi għall-adolexxenti u ż-żgħażagħ** bit-tema: *"Erfa' u sorr"*. Isiru fis-Sala Pietru Pawl Busuttil tal-Kunsill Lokali.

5. Avviżi oħra:
   - Is-Sibt, 16 ta' Marzu 2019, bejn nofs-in-nhar u nofs-il-lejl, l-Uffiċċju *Missio* ser ikun qed jorganizza Maratona ta' ġbir ta' fondi fuq il-mezzi tax-xandir biex jgħin lill-knejjes li jinsabu fl-artijiet tal-missjoni fi proġetti għall-foqra tagħhom. Nuru solidarjetà ma' dawn ħutna billi nkunu ġenerużi fl-offerta tagħna.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 275 bħala ġabra speċjali għall-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.
   - € 260 bħala dħul mill-*Cake Sale* tal-*weekend* li għadda bl-istess għan.
   - € 107 mill-Lotterija bl-istess għan. Grazzi mill-qalb.